**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

***Kumpilazzjoni Numru. 84/2020***

**Illum:** 11 ta' Marzu, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**-vs-**

**Graziella Farrugia, detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru 339573M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata Graziella Farrugia u cioe` talli:

Nhar il-25 ta' Lulju, 2019, u/jew fil-ġranet u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer:

**1.** B`diversi atti magħmulin minnha stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposiżżjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda u ċioe` talli approprijat ruħha, billi dawwret bi profit ghaiha jew ghal persuna oħra, s-somma li tammonta ghal mhux aktar minn 4,185.88 ewro, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan ghad-detriment ta' Godwin Gatt

u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha jew minhabba depożitu neċessarj.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Semghet lill-parte civile jiddikjara li l-ammont dovut lilu llum hu dak ta' €3,193.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w hi nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet setghet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessa.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reat li dwaru qed tinstab htija, tal-fedina penali netta taghha, tal-ammissjoni ferm bikrija taghha w tac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz fosthom li l-parte leza ddikjara li hu ma ghandu l-ebda interess fil-piena li ghandha tigi erogata kemm il-darba jkun gie mhallas dak dovut lilu. Ittiehed konsiderazzjoni ta' dak li gie verbalizzat mill-ufficjal prosekutur u cioe` li l-imputata wriet kowoperazzjoni mill-ewwel.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja thallas lura lil Godwin Gatt is-somma ta' **€3,193** ratejalment.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**